

[Paġna Ewlenija](#) > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [EuroPris](#)

EuroPris

Din il-paġna fiha informazzjoni dwar stabbilimenti penitenzjarji u skedi informattivi dwar il-kundizzjonijiet tal-ħabs kif imfassla mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, u tipprovdi lill-prattikanti bl-informazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-MAE u strumenti oħra ta' rikonoxximent reċiproku.

L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Ħabsijiet u s-Servizzi Korrettivi (EuroPris)

EuroPris hija organizzazzjoni network Ewropea li tiffaċilita l-kooperazzjoni, it-tagħlim reċiproku u skambju ta' prattiki tajbin tas-servizzi Ewropej tal-ħabsijiet. L-organizzazzjoni ġiet stabbilita fl-2011 minn 18-il Servizz Ewropew tal-Ħabsijiet bħala organizzazzjoni tal-prattikanti għall-prattikanti. Sal-2018, l-organizzazzjoni bdiet tirrappreżenta 31 Servizz Ewropew tal-Ħabsijiet, li 26 minnhom huma minn pajjiżi tal-UE. Is-Servizzi tal-Ħabsijiet mill-istati kollha tal-Kunsill tal-Ewropa jistgħu jsiru membru ta' EuroPris.

L-organizzazzjoni għandha l-għan tal-Promozzjoni ta' Prattiki tal-Ħabs Professionali sabiex titjeb is-sigurtà permezz standards u prattiki ta' detenzjoni aħjar fl-Ewropa, permezz ta' tnaqqis fir-reċidività u professjonaliżmu avanzat fil-qasam korrettiv.

EuroPris taħdem għal dawn l-għanijiet bl-organizzazzjoni ta' avvenimenti li jippermettu kondivżjoni sinifikanti, bħal laqgħat ta' esperti, sessjonijiet ta' ħidma u konferenzi.

EuroPris tikkoopera ma' għadd kbir ta' organizzazzjonijiet Ewropej attivi fil-qasam tal-ġustizzja kriminali, bħall-[Assoċjazzjoni Ewropea tal-Edukazzjoni fil-Ħabsijiet](#), [l-Akkademji Ewropej għat-Taħriġ fil-Ħabsijiet](#), [il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Probation](#), [il-Forum Ewropew tal-Ġustizzja Riparattriċi](#), [Children of Prisoners Europe](#), u oħrajn.

EuroPris għandha status ta' osservatur fil-[Kunsill għall-Kooperazzjoni Penoloġika](#) tal-Kunsill tal-Ewropa.

Għal aktar informazzjoni dwar avvenimenti, materjali u preżentazzjonijiet preċedenti jew attwali żur [is-sit ta' EuroPris](#) fejn tista' tabbona wkoll għall-bullettin bimensili.

L-Għodod EuroPris

EPIS

Is-[Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Ħabsijiet \(EPIS\)](#) inħolqot minn EuroPris fl-2014 biex issaħħaħ it-trasparenza, in-networking u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-amministrazzjonijiet Ewropej tal-ħabsijiet.

L-EPIS hija maħsuba biex tkun punt uniku ta' servizz għal *data* relatata mal-ħabsijiet u mal-korrezzjonijiet madwar l-Ewropa u biex tipprovdi tweġibiet għal mistoqsijiet frekwenti, eż kemm hemm ħabsijiet, x'tip ta' ħabsijiet u popolazzjonijiet ta' ħabsin jeżistu f'pajjiż tal-UE partikolari. Reċentement, il-Kunsill tal-UE ddeċieda li juża l-EPIS bħala l-għodda esklussiva biex jiġbor flimkien l-informazzjoni dwar l-istabbilimenti tal-ħabsijiet Ewropej.

L-EPIS bħalissa fiha *data* tas-Servizzi tal-Ħabsijiet Ewropej u 'l fuq minn 550 stabbiliment tal-ħabsijiet madwar l-Ewropa.

KMS

[Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Għarfien](#) (KMS) hija servizz ta' mistoqsijiet u tweġibiet bejn l-amministrazzjonijiet tal-ħabsijiet, li bħalissa fiha 'l fuq minn 1000 tweġiba dwar 100+ suġġett relatati mal-ġestjoni tal-ħabsijiet.

Bis-saħħa tal-KMS, EuroPris tista' tiġbor tweġibiet dwar mistoqsijiet operattivi jew dwar politika minn ġurisdizzjonijiet Ewropej u tagħmilhom aċċessibbli fis-sit għal referenza futura.

Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet fil-ħabs fil-pajjiżi tal-UE

Biex il-ħabsin, il-persunal u l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jaċċessaw informazzjoni dwar ħabsijiet fil-pajjiż ta' eżekuzzjoni u jappoġġaw il-kunsens infurmat għat-trasferimenti, EuroPris ħolqot riżorsa ta' [fuljetti ta' informazzjoni](#) dwar il-kundizzjonijiet fil-ħabs.

Permezz tal-grupp ta' esperti ta' EuroPris, il-pajjiżi tal-UE ntalbu jipprovdu informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet fil-ħabs u ħarsa ġenerali lejn suġġetti bħaż-żjarat mill-familjari u arranġamenti ta' rilaxx bikri.

Id-Deċiżjoni Qafas tal-UE 2008/909/ĠAI

Il-grupp ta' esperti tal-EuroPris dwar id-Deċiżjoni Qafas 909

Il-grupp ta' esperti tal-EuroPris dwar it-trasferiment ta' prigionieri ġie stabbilit fl-2012 biex jgħin lill-membri bl-implimentazzjoni [tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI tal-UE](#). Minn dak iż-żmien, il-grupp iltaqa' darba fis-sena għall-iskambju ta' għarfien u informazzjoni b'rabta ma' trasferimenti.

Aktar informazzjoni dwar il-membri tal-grupp ta' esperti, rapporti tal-laqqgħat u d-dokumenti kollha żviluppatti mill-grupp tinsab [hawnhekk](#).

Il-ktieb tar-riżorsi dwar id-Deċiżjoni Qafas 909 (2017)

Il-[ktieb tar-riżorsi](#) ġie żviluppat flimkien mal-grupp ta' esperti tal-EuroPris dwar id-Deċiżjoni Qafas 909. Huwa maħsub biex jintuża mill-awtoritajiet kompetenti biex jassistihom huma u jikkompletaw it-trasferimenti ta' prigionieri kkundannati.

L-informazzjoni li tinsab f'dan il-ktieb tar-riżorsi tiġbor fiha rakkomandazzjonijiet prattiċi, l-aħjar prattiki u riżorsi żviluppatti biex jassistu t-trasferiment ta' prigionieri kkundannati.

Formola ta' Informazzjoni dwar it-Trasferiment ta' Prigionieri

Il-grupp espert tal-EuroPris żviluppa wkoll [Formola ta' Informazzjoni dwar it-Trasferiment ta' Prigionieri](#), lista ta' kontroll li takkumpanja lill-prigionieri lejn pajjiż ieħor tal-UE. Id-dokument jinħareġ mill-pajjiż li jibgħat lill-prigionier b'dettalji bażiċi personali, mediċi u relatati mas-sentenza, riskji u dettalji dwar it-trasferiment. Il-Formola (u l-hemżiet fakultattivi) jivvjaġġaw mal-prigionier sal-istat tal-eżekuzzjoni.

■ L-aħħar aġġornament: 25/03/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.